MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 368/2005

**Wara c-Cedola ta' Depozitu numru 173/98 fl-ismijiet:**

**Lawrence Attard ghan-nom u fl-interess ta' L&D Attard Company Limited**
**vs**
**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Anthony u Bernardette mizzewgin Gauci**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat i**r-rikors** tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c li bih ippremettiet :

1. Illi, permezz tac-Cedola ta' Depozitu fuq imsemmija giet depozitata taht l-Awtorita' ta' Din l-Onorabbli Qorti mis-socjeta' *L&D Attard Company Limited* is-somma ta' sittax-il elf u mitejn Liri Maltin (Lm16,200.00) prezz ta' immobbli mibjugh in forza tas-Subasta ta' proprjeta' ta' l-intimati Anthony u Bernardette mizzewgin Gauci (Dok. 'A').

2. Illi, permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Gunju, 1996 (Citaz. Nru. 1222/95NA) (Dok. 'B') is-socjeta' esponenti *Bank of Valletta p.l.c.* giet kanonizzata kreditrici ta' l-imsemmija intimati Anthony u Bernardette mizzewgin Gauci fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u tlettax -il Liri Maltin u tlettax -il centezmu (Lm22,813.13) kwantu ghal tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u sittin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm22,766.75) sorte u sebgha u erbghin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm47.08) spejjez skond taxxa hawn annessa u markata Dok. 'C', flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Marzu, 1989, sal-jum tal-pagament effettiv.

3. Illi, d-debitu ta' l-istess intimati sat-30 ta' Marzu, 2004 kien jammonta ghas-somma ta' wiehed u erbghin elf, mija u hamsa u sittin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm41,165.36) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv.

4. Illi permezz ta' Rikors ta' Zbank ipprezentat fil-5 ta' Lulju, 2004 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u markata Dok. 'D', l-esponenti talbet illi tizbanka l-imsemmija somma bhala parti mid-debitu lilha dovut kif fuq imsemmi, izda tali zbank ma setax isir peress illi kemm is-socjeta' *L&D Attard Company Limited* kif ukoll l-intimati Gauci opponew tali zbank u hemm ukoll Sekwestri u atti ohra fosthom Sekwestru numru 1323/93 mahrug mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali, Sekwestru numru 4158/93 mahrug mill-*Accountant General* u Sekwestru numru 108/90 mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ghalhekk hemm izjed minn zewg persuni li qed jippretendu jeddijiet

aqwa minn ta' haddiehor, jew qabilhom jew xi nteress iehor fuq l-imsemmija flus depozitati.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet – tordna l-apertura ta' Konkors ta' Kredituri ta' l-intimati Anthony u Bernardette mizzewgin Gauci fuq il-flus depozitati permezz ta' Cedola ta' Depozitu fuq imsemmija, filwaqt illi taghti l-opportuni provvedimenti.

Rat ir-**risposta ta' l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni** a fol. 27 tal-process fejn issottometta:

Illi huwa ghandu interess jippartecipa f'dan il-Konkors billi ghandu jiehu s-somma ta' tlitt elef tliet mija w sitta w tletin lira (Lm3,336) dovuta kwantu ghal elf mija w sittin lira (Lm1,160) bhala PAYE u elfejn mija w sitta w sebghin lira (Lm2,176) bhala taxxa addizzjonali, u dan skond kif indikat fil-Mandat ta' Sekwestru Nru.108/90 tal-25 ta' Jannar 1990.

Illi noltre l-esponent ghandu jigbor is-somma ta' tlett elef mitejn u sittin lira maltija (Lm3,260) dovuti skond kif indikat fil-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1341/93JV b'dan il-mod: Tlett elef lira dovuti bhala kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali ta' l-ewwel klassi ghall-perjodu Awissu 1983 sa Awissu 1991; Mitejn u sittin lira dovuti bhala kontribuzzjonijiet addizzjonali.

Illi noltre l-esponent huwa wkoll kreditur ghal ammonti ohrajn fosthom dawk indikati fil-Mandat ta' Sekwestru nru. 1323/93 li t-total preciz taghhom ghandu jigi verifikat u sottomess f'qasir zmien.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Bank of Valletta u tal-Kummissarju tat-Taxxi interni;

Rat li L & D Attard Co. Ltd u l-konjugi Gauci naqsu li jressqu l-provi taghhom (ara verbal a fol 122);

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrenti gabu provi li huma kredituri ta' Anthony u Bernardette Gauci fis-somma ta' Lm22,813.13 flimkien ma' l-imghax mid 19 ta' Marzu 1989 sal jum tal-pagament effettiv, liema bilanc kien ilahhaq is-somma ta' Lm41,165.36 sat 30 ta' Marzu 2004 salv imghaxijiet ulterjuri mill 1 ta' April 2004. Huma esebew dokumenti li juru li l-kreditu taghhom huwa munit b'ipoteki li jippregradwaw dak ta' kwalsiasi kreditur iehor. Dawn huma:

Ip. Specjali 10542/1982 (fol 73)
14005/1982 (fol 74)
14006/1982 (fol 75)
4332/1985 (fol 72)
10498/1984 (fol 76)
6997/1991 (fol 78)

Min naha l-ohra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ressaq provi li hu ghandu jiehu minghand Anthony Gauci is-somma ta' Lm44,140 bhala taxxa; Lm3,336 bhala PAYE u Lm3,260 Social Security. (ara Dok a fol 85). Oltre dana jghid li hemm it-taxxa addizzjonali li tizdied aktar ma jdum ma jigi effettwat il-hlas. (fol 112).

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrenti talbu l-ftuh ta' dan il-konkors tal-kredituri a termini ta' l-artikolu 416 tal-Kap 12 sabiex il-kreditu taghhom, kif jirrizulta mis-sentenza tas-27 ta' Gunju 1996 Dok B, jigi pregradwat u jithallas in preferenza tal-kredituri l-ohra kollha billi l-kreditu taghhom huwa munit b'ipoteki qabel dawk ta' kull kreditur iehor.

Dawn il-proceduri bdew in segwitu ghac-cedola ta' depozitu 173/98 Dok A a fol 3 li permezz taghha giet depozitata minn L & D Attard Co. Ltd is-somma ta' Lm16,200 prezz ta' immobbli maghruf bhala l-Kampanjol Bar & Restaurant li kien jappartjeni lill konjugi Anthony u Bernardette Gauci.

**Konjugi Gauci**

F'dawn il-proceduri l-konjugi Gauci ma ressqu ebda pretensjoni jew prova. Giet biss ezibita mir-rikorrenti risposta a fol 64-66 li l-konjugi Gauci kienu pprezentaw fil-procedura tas-subasta fejn kienu qalu li l-ammont mitlub mir-rikorrenti kien wiehed inveritier u esagerat u ghalhekk ghandu jirrizulta bilanc favur taghhom.

Il-konjugi Gauci f'dawn il-proceduri mhumiex kredituri a termini ta' l-artikolu 416 tal-Kap 12. u l-uniku interess li jista' jkollhom hu ghal dik il-porzjoni mir-rikavat illi jifdal wara li jithallsu l-kredituri l-ohra kollha li jippartecipaw f'dan il-konkors izda f'dan il-kaz meta jithallsu l-kredituri kollha mhu se jifdal xejn mill ammont depozitat ta' Lm16,200.

**L & D Attard Co.Ltd**

Is-socjeta' L & D Attard ma ressqet ebda provi f'dawn il-proceduri u hemm biss ir-risposta taghhom prezentata mir-rikkorrenti li kienu pprezentaw fl-atti tas-subasta a 57 fejn kienu qalu li huma kienu qed jopponu li l-Bank jisbanka l-flus depozitati bic-cedola billi huma kienu bi hsiebhom jipprocedu kontra l-Bank u l-konjugi Gauci biex jottjenu d-drittijiet kollha taghhom fuq l-imsemmija proprjeta'.

Is-socjeta' L & D Attard ma gabet ebda provi la li hija pprocediet kif qalet li se taghmel u lanqas li hija ghanda xi "kreditu jew jedd iehor" fuq is-somma depozitata. Skond il-Bank kien Anthony Gauci li ttrasferixxa parti mill-proprejta' mill Kampanjol Bar & Restaurant. Jirrizulta wkoll li l-Bank kien talab ir-rexizzjoni tas-subasta permezz ta' citazzjoni u t-talba tieghu giet michuda mill-Qorti billi L & D Attard u

Gauci kienu opponew it-talba tal-Bank (ara fol 106 et seq). Jidher li L & D Attard ma talbux ir-rexxizzjoni ta' bejgh fit-terminu legali u lanqas ma ressqu xi azzjoni ghall danni. Ghalhekk fin-nuqqas ta' xi hjiel ta' prova da parti ta' L & D Attard Co Ltd. l-participepazzjoni taghhom f'dawn il-proceduri ma tistax tigi milqugha.

**Kummissarju tat-taxxi Interni**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kreditu tar-rikorrenti gie pruvat u li dan l-kreditu hu munit b' ipoteki u privilegg specjali kif fuq indikat.

Ir-rikorrent issottometta (ara risposta a fol 82) li r-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tat 13 ta' Jannar 2006 (a fol 71) biex jigu ammessi ammonti li ma kienux gew reklamati fl-ewwel rikors tieghu, m'ghandux jigi accettat billi hu *fuori termine* ghaxipprezentat hafna aktar minn xahar wara l-pubblikazzjoni ta' l-avvizi mir-Registratur a termini ta' l-artikolu 416 tal-Kap 12. Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghall Art 417 tal Kap 12 li ma jeskludiex il-possibilita' li jikkonkorru anke kredituri li ma jkunx deheru fil-konkors, hlief ghall kwistjoni ta' l-spejjez. (ara sentenza App: Camilleri vs Dr. Mamo noe 6/10/1999). Ghalhekk fil-kaz in ezami l-Qorti qed tammetti t-talba tal-Kummissarju tal-Taxxi Interni nonostante li dina ma gietx prezentata entro t-terminu, u dana billi t-talba saret fl-istess konkors u kienet estensjoni u spjegazzjoni tat-talba originali biex jikkonkorru.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jissottometti li hu jgawdi privileggi li in forza taghhom hu jippregradwa anke qabel ir-rikorrent Bank of Valeltta.

Skond id-dokument ezibit mill-Kummissarju a fol 85 hu qed jippretendi bhala **TAX** *due* ***(personal)*** is-somma ta' Lm44,140 minghand Anthony Gauci. Ir-rikorrenti jissottomettu li dan l-ammont ma hu bl-ebda mod privileggjat skond il-Ligi billi huwa semplici kreditu. Il-Qorti taqbel li fil-fatt skond il-ligi kif inhi talba li tirrigwarda hlas ta' taxxa fuq il-qliegh dovuta ma tgawdi ebda priviliegg. (Ara sentenza PA Konkors Kredituri Da Vinci Ltd. tat 13 ta' Novembru 2000). Ghalhekk fuq dana l-ammont ir-

rikorrenti jippregradwaw lill Kummissarju tat-Taxxi Interni minhabba l-priviliegg specjali u ipoteki li ghandhom.

Il-Kummissarju qed jitlob ukoll is-somma ta' Lm3,336 bhala **PAYE** li hu jghid li hija privileggjata **.** Fil-fatt skond l-art 23 (11) Kap 372:

(11) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, l-avviz ta' talba mill-Kummissarju msemmi fis-subartikolu (7), li juri l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileggata fuq l-assi ta' min ihaddem ta' grad minnufih wara l-pagi ta' l-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurtà Socjali ghal ammonti li jkollhom jithallsu bhala kontribuzzjoni taht l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Socjali, u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggati jew ipotekarji.

Illi ghalhekk l-ammont mitlub bhala PAYE hu privileggjat u jgawdi preferenza fuq il-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggati jew ipotekarji hlief ghal dawk imsemmija fl-istess artikolu. Dan il-privilegg ma jehtieg ebda registrazzjoni kif qed jippretendu r-rikorrenti skond it-Titolu XX111 tal Kap 16.

Ir-rikorrenti pero' qed jissottomettu wkoll li ghalkemm dana l-ammont hu privileggjat ma jirrizultax li l-Kummissarju nnotifika lill Gauci b"avviz tat-talba" kif previst fl-artikolu 7 tal l-istess artikolu.

Skond dan l-artikolu:

(7) Meta persuna ma tkunx ikkontestat l-avviz ta' nuqqas imsemmi fis-subartikolu (5) jew meta l-kontestazzjoni taghha tkun giet michuda, il-Kummissarju jista', meta l-hlas tas-somma dovuta ma jkunx digà sar, jinnotifika lil dik il-persuna b'avviz ta' talba li fih juri x'kienet dik it-taxxa li kellha tigi mnaqqsa jew imhallsa lura u/jew kull taxxa addizzjonali imposta fuqha; u sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, dak l-avviz ghandu jkun prova bizzejjed li l-ammont fih indikat ikun l-ammont li jkun dovut li jithallas lill-Kummissarju minn dik il-persuna.

Fil-kaz in ezami l-Kummissarju gab prova (ara ittri ufficjali ezibiti) l-apparti li dejjem jintbaghat l-Avviz tat-talba imsemmi fl-artikolu (7), kull meta l-Kummissarju jitlob il-hlas, ma l-ittra ufficjali jaghmel riferenza ghall "avviz/talba ghall-hlas".

Ghalhekk dan l-ammont ta' Lm3,336 ghandu jippregradwa fuq dak tar-rikorrenti.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jitlob ukoll is-somma ta' Lm3,260 dovuta bhala Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali li hu jghid li hija privileggjat a bazi ta' l-artikolu 116(3) tal-Kap 318. Dan jipprovvdi li:

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba tad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht dan l-artikolu tikkostitwixxi talba privileggata, fil-kaz ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi, fl-istess grad bhall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-principal u, fil-kaz ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha koncernata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileggati jew ipotekarji.

L-ammont ta' Lm3,000 jirrapprezentaw kontribuzzjonijiet ghall perjodu 1983 sa 1991 ta' l-ewwel klassi u l-ammont ta' Lm260 jirrapprezenta kontribuzzjonijiet addizzjonali ghall-imsemmi perjodu.

Ir-rikorrenti jissottomettu li hemm privilegg biss ghal kontribuzzjoni dovuta u mhux ghat taxxa addizzjonali. Il-Qorti taqbel li l-ammont biss ta' Lm3,000 hu priviliggjat u mhux is-somma addizzjonali.

Ghalhekk l-ammont ta' Lm3,000 dovut bhala kontribuzzjoni ta' l-ewwel klassi huwa munit bil-priviliegg kontemplat fl-artikolu fuq imsemmi. Dan il-privilegg huwa simili ghal dak li jgawdu l-impjegati relattivament ghall-pagi dovuti.

Ir-rikorrenti qed jissottometti pero' li jekk l-Kummissarju jippregradwa bis-somma ta' Lm3,000 ghall Kontribuzzjonijiet ghandu jirrizulta li l-Kummissarju beda l-proceduri fin 1992 kif jirrizulta mill-mandat ta ' qbid a fol 100 ghalhekk minn dawn il-Lm3,000 porzjoni minnhom hija preskritta u l-Kummissarju ma setghax fin 1992 jitlob dak li kien dovut fin 1983 taht il-Kap 123. Inoltre l-Kummissarju ma gab l-ebda prova dwar l-ammont li huwa dovut entro t-terminu preskrittiv.

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li giet eccepita l-preskrizzjoni jew gie kontestat l-ammont li qed jitlob il-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn min kellu l-interess li jikkontesta dana l-ammont. Ir-rikorrent mhux il-persuna li ghandha dana l-interess.

**Spejjez gudizzjarji**

Ghalkemm mhux espressament mitluba, skond l-artikolu 2003 tal-Kap 16 l-ispejjez gudizzarji huma muniti bil-privilegg generali u ghalhekk jikkonkorru fuq il-beni kollha ta' kull xorta, qabel. Konsegwentement il-lista' tal-krediti li ser jigu gradwati ghandhom jigu subordinati ghall-ispejjez gudizzjarji dovuti lir-Direttur tal-Qorti.

**Gradwazzjoni**

Illi in vista tal-premess il-gradwazzjoni tal-kredituri ghandha ssir kif ser jinghad.

Id-Direttur tal-Qorti ghall-ispejjez u dritt tar-Registru ta' dan il-konkors (skond l-Artikolu 2003 tal-Kodici Civili – Kap. 16);

Kontribuzzjoni Sigurta' Socjali Lm3,000;

Paye fis-somma ta' Lm3,336;

Kreditu tal-Bank of Valletta ta' wiehed u erbghin elf, mija u hamsa u sittin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu

(Lm41,165.36) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------